MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2004

Numru 156/2004

Il-Qorti;

Rat illi l-imputati MARIO ATTARD U DANIEL MAGRIN gew imressqa quddiemha akkuzati talli fis-7 ta' Frar 2004 ghall-habta tas-6:30p.m. u fix-xhur ta' qabel, Mario Attard bhala l-persuna li f'ismu ghandu licenzja biex izzomm ir-restorant bl-isem ta' 'Oleander Bar & Restaurant' li jinsab fi pjazz Vittorja, Xaghra, u Daniel Magrin bhala l-persuna li kellu t-tmexxija ta' l-imsemmi stabbiliment qieghdu jew ippermettew li jitqieghdu immwejjed u ghamara ohra aktar minn dawk li huma msemmija fil-licenzja fuq barra ta' l-imsemmi stabbiliment li huwa wiehed turistiku, u din minghajr licenzja mill-Awtorita tat-Turizmu ta' Malta.

Rat l-artikolu tal-ligi u cioe` 15 (1) Kap 409 u AL 128/02.

Semghet lill-imputat Daniel Magrin jiddikjara illi huwa kien substitute fuq il-post in kwistjoni fil-gurnata ta' l-incident.

Semghet lill-imputat Daniel Magrin jirregistra ammissjoni ghall-akkuza odjerna.

Rat illi l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova ohra u strahet fuq l-ammissjoni ta' Daniel Magrin.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu tal-ligi tiddeciedi billi tiddikjara li qed issib lill-imputat Daniel Magrin hati tal-akkuza odjerna u tikkundannah multa ta' hamsin lira Maltin (Lm 50) u tiddikajra li ma ssibx lill-imputat Mario Attard hati tal-akkuza u tilliberah minnha.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Magistrat

(ft) Victoria Spiteri
Skrivana

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------